# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar l-18 ta' Novembru, 2024

Avviz tat-Talba numru: 403/2023 CL

**GARD Catering Limited (C96727)**

**VERSUS**

**Ionut Madelin Andreiana ( 195212A)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar il-6 ta' Novembru 2023 fejn is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jigi ordnat jhallas is-somma ta' elf seba' mija u tnejn u hamsin euro u hamsa u erbghin centezmu (€1,752.45) rapprezentanti ammont li erronjament gie mhallas lill-konvenut wara t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu kif jirrizulta mill-anness dokument mmarkat Dok G1,u kif ser jigi spjegat fil-kors ta' dawn il-proceduri. Minkejja li gie interpellat biex jirrifondi l-ammont pretiz huwa baqa' inadempjenti.Bl-ispejjez kollha relatati mal-kawza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1421/2023 anness Dok B u l-mandat tas-sekwestru 2156/23. Bl-imghax bit-tmienja fil-mija mill-4 ta' Mejju 2023 sad-data tal-effettiv pagament.

Fil-kaz prezenti, l-konvenut gie debitament notifikat bl-atti processwali. Minkejja tali notifika, il-konvenut la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher hu, jew xi rapprezentant legali tieghu ghas-seduta li kienet tmiss wara tali notifika u ghalhekk il-konvenut, kien fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif gie iddikjarat fil-verball fl-udjenza tas-16 ta' Ottubru, 2024. Fl-istess seduta xehed Gordon Mizzi direttur tas-socjeta attrici, fejn ikkonferma li l-konvenut kien impjegat mas-socjeta attrici u minkejja li kien telaq mix-xoghol il-paga kienet xorta inharget bl-izball ix-xahar ta' wara ghalkemm ma kienx hadem. Is-socjeta attrici ghalqet il-provi u il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra;

Ra l-atti processwali kollha u d-dokumenti ipprezentati.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.It-Tribunal ra' d-dokumenti u x-xhieda ta' Gordon Mizzi u ma jarax ghalfejn dan m'ghandux jig emmnut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lil-konvenut jhallas is-somma ta' elf seba' mija u tnejn u hamsin euro u hamsa u erbghin centezmu (€1,752.45) bl-imghax legali mis-6 ta' Novembru 2023[1], sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri ghandhom jithalsu mill-konvenut. It-talba tal-spejjez marbuta mal-ittra ufficjali u l-mandat ta' sekwestru ma tistax tintlaqa' stante li ma gewx pprezentati kopji legali taghhom fl-atti.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**

[1] Data tal-kawza odjerna stante li m'hemmx prova li kien gie nnotifikat bl-ittra ufficjali u ghalhekk seta' ma kienx konsapevole tal-izball li sar min-naha tas-socjeta attrici.